MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**

**IS-SITT KUNSILL**

SEDUTA NRU. 53

10 ta' Mejju 2011

Minuti tas-Seduta Nru. 53 tal-Kunsill Lokali Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq Il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tlieta 10 ta' Mejju 2011.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha minbarra l-Kunsillier P. Cutajar li kien skużat minħabba raġunijiet ta' safar.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku.

## 1.0. Minuti

1.1. Is-Sindku R. Cutajar rrefera għall-minuta 1.1. **(Ref: T/5/1/Vol II)** li kienet tinvolvi emenda fil-minuta 2.1.3. tas-seduta Nru. 51. Huwa talab li din tiġi emendata mill-ġdid biex tinqara hekk:

*"2.1.3. Is-Sur R. Cutajar ġibed l-attenzjoni li kemm-il darba jsir dan, ikollha tinqata' parti mir-rotta tal-Feeder Line f'Santa Marija Estate, minn Triq Ta' Taħt l-Irdum 'l isfel. L-istess ikollu jsir fil-każ tal-Feeder Line l-oħra li minnha trid titħalla barra Triq l-Erwieħ, Triq is-Santwarju, u Triq Ġnien Ingraw. Sar magħruf ukoll li l-frekwenza tar-Rotta Ewlenija ser tkun kull kwarta, filwaqt li dik taż-żewġ Feeder Lines ser tkun kull siegħa – ossija titlaq waħda kull nofs siegħa. Is-Sindku fakkar li l-kumpanija qed tipproponi li r-rotta tat-tieni Feeder Line, tkun minn Triq il-Kbira, Triq Ġorġ Borg Olivier, Triq l-Erwieħ, Triq is-Santwarju, Triq Vincenzo Ciappara, Triq Napuljun Caruana Dingli, Triq id-Dħin, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Triq l-Għorgħar, Triq Ta' Masrija, Triq il-Kunsill tal-Ewropa, Triq il-Fortizza u Triq l-Iżbark tal-Franċiżi. Is-Sindku kompla jgħid li r-rotta tal-Main Line, kif proposta minn Arriva plc, ser tkun qed tikkawża xi ftit tal-problemi fir-rigward tal-parkeġġ għar-residenti, apparti li mhux it-toroq kollha ndikati jippermettu tibdil ta' din ix-xorta.".*

1.2. Il-Kunsillier J. Buttigieg aċċenna għall-minuta 10.3. **(Ref: T/3/3/Vol IV)(T/5/1/Vol II)** tas-seduta preċedenti u talab li tinqara kif ġej:

*"10.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg tenna li anke jekk Triq il-Kbira ser tkun one-way, il-ħruġ minn Triq Franġisk Zahra jibqa' perikoluż u jagħti lok għal kolliżjonijiet. Ġibed l-attenzjoni wkoll li bejn Triq Sammy Bartolo u Triq il-Kbira, l-istess triq hija dejqa ħafna, fiha żewġ kantunieri, kif ukoll hija għat-telgħa. Kompla jgħid li ż-żieda ta' vetturi f'din il-parti ta' Triq Franġisk Zahra toħloq konġestjoni, li ġġib magħha frustrazzjoni kemm għas-sewwieqa, kif ukoll għar-residenti. Is-Sindku qal li min-naħa tiegħu jasal biex jaqbel mal-argumenti mqajjma.".*

1.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg u s-Sindku ġibdu l-attenzjoni għall-minuta 10.7 **(Ref: T/3/3/Vol IV)(T/5/1/Vol II)** u talbu li tiġi emendata kif ġej:

*"10.7. Il-Kunsillier J. Buttigieg reġa ntervjena billi qal jekk għandiex tiġi kkunsidrata l-ideja li t-toroq ewlenin jingħalqu għat-traffiku matul il-jum u jinfetħu matul il-lejl.*

*Issuġerixxa wkoll li l-vetturi li jqassmu l-merkanzija lin-negozji m'għandhomx jitħallew jgħaddu minn wara l-knisja. Ħafna minnhom m'għandhomx isibu diffikulta` peress li jirrikjedilhom jħottu fi stabbilimenti aktar 'l isfel fi Triq il-Marfa, l-Għadira eċċ. Is-Sindku qabel mat-tieni proposta mressqa".*

1.4. Il-Kunsill approva l-minuti u għalhekk dawn ġew iffirmati bl-emendi mressqa.

## 2.0. Materji Mqajjma mill-Minuti

### 2.1.1. Twaħħil ta' mapep informattivi fit-toroq (T/3/1)

2.1.2. Saret referenza għall-minuta 4.5.1. tas-seduta preċedenti. Il-Kunsill ġie mgħarraf li minn tagħrif miksub mid-ditta Blues Ltd, il-mapep jridu jingħataw mill-Kunsill Lokali u jinkludi fihom il-postijiet kollha ta' interess. Sar magħruf ukoll li d-daqs tagħhom huwa ta' 86cm X 60cm u kull riklam ikun 17cm X 15cm.

2.1.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li rappreżentant mid-ditta msemmija għandu jattendi fis-seduta li jmiss.

### 2.2.1. Progress fuq il-proġett tal-Park tal-Familja f'Tal-Ibraġ (P/4/6/Vol III)

2.2.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.1.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li hemm il-possibilta` li jiġu assenjati ħames ħaddiema mill-PARK Unit sabiex jgħinu fil-bini tal-ħitan tas-sejjieħ. Is-Sur R. Cutajar qal ukoll li għaddejjin kuntatti sabiex jiġu pprovduti numru ta' siġar taħt l-iskema 34U. Qed tiġi ppreparata l-art biex dawn jitħawwlu fuq il-post skond kif speċifikat fil-permess tal-MEPA.

2.2.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.3.1. Installazzjoni ta' *cameras* qrib il-*bring-in sites* (K/6/10/Vol III)

2.3.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.2.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li Green MT Ltd installaw camera fejn il-*bring-in site* ta' Triq Qasam Barrani, kif kien miftiehem. Din fil-fatt twaħħlet fuq l-istess naħa fejn hemm il-*bring-in site*.

2.3.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.4.1. Proġett "Festa Ġemellaġġi 2011" (K/12)

2.4.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.4.1. tas-seduta preċedenti u aċċenna għal talba li saret mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex artisti mil-lokalitajiet ġemellati jieħdu sehem f'Jum l-Ewropa li ser jiġi ċċelebrat fil-10 ta' Mejju 2011, bħala parti mill-Festa Ġemellaġġi 2011. Is-Sur R. Cutajar għarraf li sar kuntatt mat-tliet lokalitajiet ġemellati mal-Mellieħa u fil-fatt ser tattendi pittriċi minn Agia Napa f'Ċipru. Huwa qal ukoll li ser ikun hemm membri mill-Ladies Craft Circle li ser ikunu qed jagħmlu xogħol ta' artiġġjanat għal dan l-avveniment li ser jiżvolġi fi Misraħ San Ġorġ fil-belt Valletta.

2.4.3. Il-Kunsill innota l-azzjoni li ttieħdet u approvaha.

### 2.5.1. Ħarġa kulturali (A/5/5/Vol III)

2.5.2. Is-Sindku irrefera għall-minuta 2.8.1. tas-seduta preċedenti dwar il-ħarġa kulturali li ġiet organizzata fl-okkażjoni ta' Jum l-Omm fis-6 ta' Mejju 2011. Din kienet tikkonsisti fi żjara fil-Limestone Heritage fis-Siġġiewi u b'waqfa għall-ikel fl-Imġarr. Attendew għaliha ħamsin persuna.

2.5.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.6.1. Parteċipazzjoni fin-*Notti Blue* f'Pozzallo (A/5/3/Vol X)

2.6.2. Il-Viċi Sindku rrefera għall-minuta 2.12.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li l-parteċipazzjoni tal-Banda La Vittoria niżlet tajjeb man-nies ta' Pozzallo. Huwa qal ukoll attendew attivita` organizzata mill-Comune di Pozzallo, fejn tnax-il fekruna ntelqu fil-baħar. Din kellha ssir mal-kosta ta' Noto, peress li f'Pozzallo kien hemm baħar qawwi.

2.6.3. Is-Sur E. Bartolo aċċenna wkoll li l-istabbiliment f'Pozzallo, fejn kellha tmur il-banda nżamm magħluq minħabba luttu fil-familja tal-proprjetarju u għalhekk kellu jinstab post alternattiv dakinhar stess. Dan kien jinvolvi differenza fil-prezz li kellu jitħallas mis-Soċjeta`. Il-Viċi Sindku u l-Kunsillier J. Buttigieg appellaw sabiex id-differenza ta' €271.00 jagħmel tajjeb għaliha l-Kunsill, billi din tħallset minnhom personalment.

2.6.4. Il-Kunsill laqa' l-appell tal-Viċi Sindku.

### 2.7.1. Proġett ta' Restawr tat-Torri l-Abjad u beni storiċi oħra (A/6/7/1)

2.7.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 8.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li kellha ssir laqgħa ma' delegazzjoni mill-Kumitat ta' Garanzija mmexxija mill-President Emeritus Dr Ugo Mifsud Bonnici, fit-12 ta' Mejju 2011.

2.7.3. Ġie deċiż li din il-laqgħa tiġi posposta minħabba li kemm is-Sindku kif ukoll il-Kunsillier J. Buttigieg għandhom impenji oħra dakinhar.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 05/05/11
- Skeda ta' Pagamenti – 15/04/11 – 05/05/11
- Skeda ta' korrispondenza li waslet
- Skeda ta' korrispondenza li ntbagħtet
- Skeda ta' offerti - *Floodlighting* ta' Bini fi Triq l-Erwieħ u Triq l-Inkurunazzjoni – 24/03/11
- Rapport tekniku – *Floodlighting* ta' Bini fi Triq l-Erwieh u Triq l-Inkurunazzjoni – 07/05/11
- Minuti ta' laqgħa mal-GRTU dwar arrangamenti tat-traffiku ġodda – 06/05/11
- Mlinuti ta' laqgħa mal-MHRA dwar arrangamenti tat-traffiku ġodda – 06/05/11
- Proposti mressqa mill-Kunsillieri J. Buttigieg, J. Azzopardi u C. Bartolo dwar arranġamenti tat-traffiku ġodda fit-toroq ewlenin

## 4.0. Korrispondenza

### 4.1.1. Proġett tal-*Heritage Trail* f'Selmun u l-Imġiebaħ (P/10/3/Vol II)

4.1.2. Is-Segretarju rrefera għal *e-mail* datat 4 ta' Mejju 2011, mibgħut mill-Aġenzija tal-Pagamenti fi ħdan il-Ministeru tar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali. Fl-istess *e-mail* saret proposta sabiex jitwaħħal *billboard* promozzjonali dwar il-proġett tal-*Heritage Trail* f'Selmun. L-ispiża tal-materjal u x-xogħol, mingħajr l-*artwork* hija madwar €460. L-artwork isir għas-spejjeż tal-aġenzija.

4.1.3. Il-Kunsill qabel li japprofitta ruħu minn din l-offerta u ddeċieda li t-tabella għandha titwaħħal fi Triq Selmun, bejn il-kappella u l-Palazz.

### 4.2.1. *World Environment and Oceans Week* (A/5/3/Vol X

4.2.2. Saret referenza għal *e-mail* datat 7 ta' April 2011, mibgħut mill-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu fejn saret proposta sabiex tiġi organizzata attivita` għat-tfal tal-Iskola Primarja fl-Għadira fid-9 ta' Ġunju fl-okkażjoni tal-*World Environment and Oceans Week*. Din tista' tkun parti mill-kampanja biex jinkiseb l-i*status* tal-*Blue Flag* għall-Bajja tal-Għadira. Dan billi t-tfal jagħmlu kpiepel minn materjal riċiklat biex jipproteġu ruħom mix-xemx. Il-Kap tal-Iskola ġiet mitluba sabiex tikkonsidra l-parteċipazzjoni tat-tfal f'din l-attivita`.

4.2.3. Is-Sindku għarraf li kien hemm rispons pożittiv min-naħa tal-iskola, sakemm id-data magħżula tkun wara li jgħaddu l-eżamijiet fid-9 ta' Ġunju 2011.

### 4.3.1. Parteċipazzjoni fil-programm televiżiv "Konfini mill-Pjazza" (M/3/Vol III)

4.3.2. Saret referenza għal *e-mail* datat 27 ta' April 2011, mibgħuta minn Sound Vision Print, fejn stiednu lill-Kunsill sabiex jittella' programm dwar il-Mellieħa fis-sensiela "Konfini mill-Pjazza", li tixxandar fuq ONE TV. Is-sensiela ser tkun ta' tmien programmi minn lokalitajiet differenti, filwaqt li d-disa' wieħed jagħti ħarsa ġenerali fil-qosor lit-tmien lokalitajiet li għaliħ jiġu mistiedna s-Sindki biss. Ma' din il-parteċipazzjoni hemm marbut il-ħlas ta' €1,000.

4.3.3. Il-Kunsill qabel li għandu jipparteċipa.

### 4.4.1. Attivita` f'Misraħ il-Parroċċa fil-Mellieħa (A/5/5/Vol IV)

4.4.2. Saret referenza għal talba datata 25 ta' April 2011 mill-kumpaniji E.C. Meetings Malta u Island Caterers Ltd sabiex jorganizzaw attivita` privata għad-delegati li ser ikunu qed jattendu konferenza f'Malta, fil-pjazza msemmija fit-28 ta' Ġunju 2011.

4.4.3. Is-Sindku ppropona li l-Festa ta' San Gwann tal-Ħġejjeġ issir proprju dakinhar f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawl II.

4.4.4. Il-Kunsill approva li Misraħ il-Parroċċa jintuża għall-attivita` privata msemmija, filwaqt li l-Festa ta' Ġwann tal-Ħġejjeġ tiġi trasferita mill-ġurnata proprju tagħha għat-28 ta' Ġunju. Il-Kunsillier J. Buttigieg intalab jikkordina t-tħejjijiet meħtieġa b'rabta mal-Festa ta' San Ġwann.

### 4.5.1. Tiswijiet fil-Knisja Parrokkjali tal-Manikata (M/1)

4.5.2. Is-Sindku rrefera għal *e-mail* datata l-1 ta' Mejju 2011, mibgħuta mill-Kunsill Parrokkjali tal-Manikata, fejn sar appell sabiex il-Kunsill Lokali jgħin finanzjarjament ħalli jsir xogħol ta' manutenzjoni fuq il-knisja li huwa stmat li jlaħħaq €20,000.

4.5.3. Il-Kunsill ma' laqax din it-talba, peress li l-Att Dwar Kunsilli Lokali ma jippermettix xogħol fuq proprjeta` li mhix pubblika.

### 4.6.1. Bini ta' ġwiebi f'Santa Marija Estate (S/2/Vol V)

4.6.2. Is-Sindku rrefera għal ittra mibgħuta mill-Għaqda tar-Residenti ta' Santa Marija Estate, fejn qed jirrakkomandaw li jsir użu aħjar mill-ilma tax-xita permezz ta' ġiebja li ssir taħt il-maqrut li hemm fi Triq Għajn Żejtuna kantuniera ma' Triq il-Qasab, u fi Triq Ta' Fuq il-Widien qrib Taraġ il-Ħarrub.

4.6.3. Il-Kunsill qabel li delegazzjoni mill-Għaqda għandha tiġi mistiedna tattendi s-seduta li jmiss.

### 4.7.1. Beach Festival fil-Bajja tal-Mixquqa (A/6/3/Vol 21)

4.7.2. Is-Sindku aċċenna għal *e-mail* datat 27 ta' April 2010, mibgħut minn Fresh Events u G7 Events li beħsiebhom jorganizzaw l-attivita` msemmija fit-30 jew il-31 ta' Lulju 2010. Fost l-arranġamenti li qed jipproponu hemm l-għeluq tal-parkeġġ t'isfel. Huwa qal li m'għandux ikun oġġezzjoni għall-ħruġ tal-permess mitlub u kompla billi ppropona li s-Seaside Slam li jorganizza l-Kunsill fis-sajf tkun tifforma parti minn dan il-festival.

4.7.3. Il-Kunsill qabel mar-rakkomandazzjoni tas-Sindku.

### 4.8.1. *Via Sacra* f'Adenau fl-2013 (K/1/5/Vol IV)

4.8.2. Is-Sur R. Cutajar irrefera għal *e-mail* datat 29 ta' April 2011, mibgħut mis-Sindku ta' Adenau fejn stieden lill-Kunsill sabiex isib kor mill-Mellieħa bil-għan li jieħu sehem fil-*Via Sacra* li ser tiġi organizzata fil-Ġimgħa Imqaddsa f'Adenau fl-2013.

4.8.3. Il-Kunsill qabel li għandha tingħata tweġiba fil-pożittiv u sadanittant isiru l-kuntatti meħtieġa sabiex jiġi stabbilit min ikun jista' jmur f'Adenau għall-okkażjoni msemmija.

### 4.9.1. Wirjiet u pubblikazzjoni ta' ktieb dwar ix-xogħlijiet tal-pittur George Fenech (P/3/5)(A/5/3/5/Vol IV)

4.9.2. Saret referenza għall-*e-mail* datat 6 ta' Marzu 2011, mibgħut mis-Sinjura Doris Fenech, mart il-pittur George Fenech, fejn wriet l-intenzjoni li fis-sena 2012 jittellgħu tliet wirjiet ta' xogħlijiet mill-istess artist – fil-Mużew tal-Arti l-Belt Valletta; fil-bini tal-Ministeru t'Għawdex; u parti mill-Iljieli Melleħin 2012. Hija għarrfet ukoll li ser jiġi ppubblikat ktieb illustrat tax-xogħlijiet, liema ktieb ser ikun jinvolvi spiża li tlaħħaq €27,100 u għalhekk intalbet l-għajnuna finanzjarja tal-Kunsill biex jintlaħaq dan il-għan.

4.9.3. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li għandu jinkludi l-wirja proposta bħala parti mill-Iljieli Melleħin 2012. Min-naħa l-oħra, il-Kunsill kien tal-fehma li għandu jinkiseb il-parir tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar l-iffinanzjar tal-pubblikazzjoni msemmija.

### 5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Oġġetti

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 5 ta' Mejju 2011.

5.3. Il-Kunsill approva l-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-iskeda.

### 6.1. Talbiet għal Ħlasijiet ta' Servizzi u Materjal

6.2. Tressqet skeda ta' pagamenti mitluba bejn l-15 ta' April u l-5 ta' Mejju 2011.

6.3. Is-Sindku rrefera għall-pagament Nru. 056-04-11 u spjega li sabiex jattendi għall-*European Enterprise Awards Conference* ġewwa Budapest l-Ungerija, l-organizzaturi għamlu tajjeb għall-biljetti tal-ajru, filwaqt li ser ikopru lejl minn tlieta f'din li hija. Huwa fakkar li l-Mellieħa ġiet nominata awtomatikament għal dan il-premju wara li ħadet l-ewwel post fil-Local Enterprise Awards li saru f'Malta.

6.4. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha nklużi fl-iskeda u għalhekk ġiet iffirmata.

### 7.1. *Open Day – Heritage Trail* f'Selmun u fl-Imġiebaħ u Animal Fest 2011 (P/10/3/Vol II) (A/5/3/Vol X)

7.2. Is-Sindku għarraf illi l-bini tal-irziezet li ġew devoluti qed jiġu mnaddfa mill-ħaddiema tal-IPSL u tal-*Community Work Scheme* wara li ngħataw trattament kontra l-ġrieden u insetti, peress li l-post kien fi stat ta' abbandun. Is-Sur R. Cutajar qal ukoll li saru kuntatti dwar il-possibilta` li tiġi pprovduta l-faċilita` ta' *park-and-ride* bil-għan li min jiġi għall-attivita` jkun jista' jipparkja fil-parkeġġ ta' Triq l-Iżbark tal-Franċiżi u hekk ma jkollux għalfejn juża l-vettura tiegħu biex jasal sa Selmun.

7.3. Fost l-attrazzjonijiet ġie propost li jkun hemm numru ta' bejjiegħa tal-ħaxix fi Triq Selmun, bejn il-kappella u l-bini taċ-Ċikken. Ma' dawn qed isiru kuntatti wkoll biex ikun hemm attrazzjonijiet oħra bħal:

- Wirja tal-falkuni;
- Wirja tal-klieb;
- Wirja tat-tjur, fniek u qtates;

7.4. Is-Sur R. Cutajar issuġġerixxa wkoll li jkun hemm l-opportunita` li wieħed jixtri ikel li ser jissajjar fuq il-post mis-Sinjuri Jimmy Borg u Albert Bartolo. Huwa fakkar ukoll li l-attivita` ser tixxandar diretta minn NET Televison fil-programm "Mill-Misraħ"

7.5. Il-Kunsill approva l-proposti mressqa.

### 8.1. Aspett edukattiv tal-Iskema Riġenerazzjoni f'Oqsma tal-Binjiet tal-Gvern (B/7)

8.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li fis-6 ta' Mejju 2011 saret laqgħa mas-Sinjorina Antonella Mizzi mill-Awtorita` tad-Djar, liema laqgħa attendew għaliha s-Sindku R. Cutajar, il-Kunsillieri C. Bartolo u H. Fenech u s-Segretarju C. Debono. Fl-istess laqgħa ġew diskussi korsijiet jew taħditiet li jistgħu jiġu organizzati għar-residenti fil-Qasam Ta' Pennellu. Dawn jvarjaw minn *Parental Skills, Crafts* u sussidju għat-tfal sabiex jattendu Avventura Sajf. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll li dawn l-inizjattivi għandhom jittieħdu matul ix-xhur tas-sajf biex it-talbiet għall-ispejjeż jidħlu għand l-Awtorita` tad-Djar f'Ottubru 2011. Fl-istess laqgħa kien miftiehem li r-residenti għandhom jiġu nfurmati bil-benefiċċji tal-iskema, filwaqt li jkun tajjeb li ssir laqgħa ma' kull familja residenti fil-Qasam Ta' Pennellu.

8.3. Wara l-laqgħa, is-Sinjorina Mizzi għarrfet lill-Kunsill illi l-Aġenzija Sedqa għandha persuni li jagħtu korsijiet fil-*parental skills* sakemm l-attendenza ma tkunx inqas minn għaxar persuni.

### 9.1. Mozzjoni mressqa mis-Sindku li tgħid:

***"Billi r-Rapport Finanzjarju għas-Sena 2010, approvat fis-Seduta Nru. 50 tas-7 ta' Marzu 2011 ġie mgħoddi lill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika sabiex isir l-awditjar dwar l-operat tal-Kunsill matul is-sena finanzjarja 2010; u***

***Billi fil-proċess tal-istess verifika ` irriżultat il-ħtieġa li jsiru numru ta' aġġustamenti fir-rapport imsemmi, liema aġġustamenti ġew infurmati bihom il-Kunsillieri minn qabel;***

***Il-Kunsill japprova r-Rapport Finanzjarju Awditjat u għaldaqstant jawtorizza lis-Sindku u lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jiffirmawh u jgħadduħ lill-Awditur Ġenerali skont il-Proceduri tal-2005 dwar Kunsilli Lokali (Verifika).".*** **(F/1/2/Vol VI)**

9.2. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier C. Bartolo.

## 10.1. Introduzzjoni ta' arranġamenti tat-traffiku ġodda fit-toroq ewlenin (T/3/3/Vol IV)(T/5/1/Vol II)

10.2. Is-Sindku fetaħ id-diskussjoni fuq dan is-suġġett billi aċċenna għall-iżviluppi li kien hemm mill-aħħar seduta. Dawn kienu jikkonsistu f'żewġ laqgħat separati li saru ma' delegazzjoni mill-*General Retailers' and Traders Union* u mill-*Malta Hotels and Restaurants Association* li saru fis-6 ta' Mejju 2011. Il-minuti tal-istess laqgħat qed jiġu mehmuża mal-minuti ta' din is-seduta. Is-Sindku rrefera wkoll għal artiklu li nkiteb mill-President tal-GRTU, is-Sur Paul Abela fil-gazzetta "Malta Independent" tas-7 ta' Mejju 2011 u fin-*newsletter* tal-istess union. Irrefera wkoll għal intervista li saret mal-Kunsillier J. Buttigieg, li dehret fil-gazzetta "Il-KullĦadd" tat-8 ta' Mejju 2011.

10.3. Is-Sindku għarraf ukoll li fil-25 ta' April 2011 sar protest ġudizzjarju mir-residenti ta' Triq is-Santwarju u Triq Ġnien Ingraw, kif ukoll ġiet ippreżentata petizzjoni mis-sidien tal-ħwienet, kontra l-iskema. Is-Sur R. Cutajar ikkummenta li dawn tqanqlu minn perċezzjonijiet żbaljati, fosthom li Triq il-Kbira ser tkun *one-way* u li t-traffiku kollu ser jgħaddi minn wara l-knisja. Huwa stqarr li kkuntattja diversi firmatarji u oħrajn ċemplulu minn jeddhom, u stqarru miegħu illi ma jsibux diffikulta` bis-sistema tal-*one-way*, iżda ffirmaw xorta waħda għaliex saret pressjoni fuqhom. Kien hemm oħrajn li minkejja dan, ma ffirmawx, filwaqt li min-naħa l-oħra kien hemm oħrajn li ffirmaw aktar minn darba.

10.4. Il-Kunsillier J. Buttigieg stqarr li huwa ġie kkuntattjat bit-telefon minn ġurnalist ta' "Il-KullĦadd" li talbu kumment dwar din l-*issue*. Huwa qal li mhux sewwa illi kunsillier partikulari ċempell lil diversi sidien tal-ħwienet biex jara jekk iffirmawx il-petizzjoni. Ikkummenta wkoll li huwa konfuż dwar eżattament x'ser jiġri fit-toroq ewlenin u dawk ta' wara l-knisja, tant li qed isib problema meta jiġi mistoqsi minn nies. F'dawn iċ-ċirkostanzi huwa jħoss li għandu jwieġeb billi jagħti l-posizzjoni uffiċjali tiegħu u tal-kunsillieri J. Azzopardi u C. Bartolo. Huwa ppreżenta dokument iffirmat mit-tliet kunsillieri msemmija u qraħ waqt is-seduta. Kopja tiegħu qed tiġi mehmuża ma' dawn il-minuti, fejn fost affarijiet qed jiġi propost kif ġej:

a) Triq Ġorġ Borg Olivier u Triq il-Marfa jibqgħu *two-way*;

b) Kull traffiku kummerċjali (*heavy commercial vehicles*) fid-direzzjoni lejn il-Mellieħa ma jitħalliex jitla' la minn Triq il-Marfa (mis-Seabank Hotel lejn il-qalba tal-Mellieħa) u wisq anqas minn Triq Ġorġ Borg Olivier;

c) It-*tow zones* fi Triq Ġorġ Borg Olivier u parti minn Triq il-Kbira jiġu osservati b'modd strett u jekk ikun hemm bżonn jiġu ndikati b'mod iktar effettiv;

d) Il-parkeġġ bil-ħin kif inhu ndikat fil-preżent fi Triq Ġorġ Borg Olivier u parti minn Triq il-Kbira għandu jiġi osservat u nfurzat; u

e) Is-Servizz ta' *deliveries*, bi qbil mal-GRTU u l-MHRA, għandu jiġi stipulat bi ġranet partikulari tal-ġimgħa u b'ħinijiet ristretti kemm filgħodu kif ukoll wara nofsinhar. Wara l-4.00pm ma jitħalliex dan is-servizz fl-ebda ġurnata.

10.5. Is-Sur J. Buttigieg qal li l-arranġamenti proposti ma jinvolvu ebda spiża kapitali u għalhekk tagħmilha aktar faċli li jidħlu bi prova għal perjodu ta' tliet xhur b'effett mit-3 ta' Lulju 2011, fl-istess jum meta jidħlu fis-seħħ ir-rotot il-ġodda tal-karozzi tal-linja.

10.6. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li mhux sewwa illi proposti li kienu għadhom ma resqux quddiem il-Kunsill spiċċaw biex dehru fuq ġurnal politiku. Fakkar li kien ilu aktar minn ħames seduti jitlob lill-kunsillieri sabiex iressqu l-proposti tagħhom, iżda sad-data tas-seduta kien għadu ma sar xejn f'din id-direzzjoni. Huwa kompla billi rrefera mis-*survey* li

ġie kkommissjonat lid-ditta ERCS Ltd, diġa ħarġu ċerti ndikazzjonijiet dwar l-opinjoni tal-persuni li ġew intervistati, fosthom li:

| | |
|---|---|
| 73.8% | Jaqblu li l-bankini fi Triq Ġorġ Borg Olivier għandhom jitwessgħu bil-għan li jkun hemm aktar sigurta` għall-*pedestrians*. |
| 61.9% | Jaqblu li jagħmlu użu mit-trasport pubbliku biex imorru fiċ-ċentru kummerċjali kemm-il darba jkun hemm servizz adekwat. |
| 78.2% | Jaqblu li bis-sistema tal-*one-way* fi Triq Ġorġ Borg Olivier jonqos it-tniġġiż tal-arja. |
| 65.3% | Jaqblu li bl-introduzzjoni tal-*one-way* fi Triq Ġorġ Borg Olivier ikun hemm titjib fil-kwalita` tal-ħajja għar-residenti. |
| 78.15% | Jaqblu li bis-sistema tal-*one-way* fi Triq Ġorġ Borg Olivier jonqos it-tniġġiż bil-ħsejjes. |

10.7. Il-Kunsillier C. Bartolo kkummenta li n-nies huma konfużi bil-mistoqsijiet li saru fis-*survey*, fosthom b'dik dwar it-twessiegħ tal-bankini. Bil-mod li saret il-mistoqsija mhux qed jiġi speċifikat kemm dawn ser jitwessgħu. Kompla jgħid li sfortunatament din l-*issue* kienet karatterizzata b'nuqqas ta' informazzjoni u l-affarijiet jinbidlu minn ġurnata għal'oħra. Hekk ġara fil-laqgħa li saret mal-MHRA, meta sar magħruf li r-rotta ewlenija ser titla' Triq il-Marfa kollha u ddur għal wara l-knisja.

10.8. Is-Sindku stqarr li jiddispjaċih li kien hemm minn iddeċieda, anke minn fost il-kunsillieri, li jagħti tagħrif żbaljat u ntenzjonat biex jitħawdu l-imħuħ tan-nies. Is-Sur R. Cutajar appella biex jitneħħa l-għamad politiku u wieħed ma jkunx egoist fil-ħsibijiet tiegħu.

10.9. Il-Viċi Sindku E. Bartolo wieġeb li meta jkunu għaddejjin negozjati, kif qed isir fil-każ tal-Arriva plc dwar ir-rottot tal-karozzi tal-linja, l-posizzjoni ma' tistax tibqa' fissa.

10.10. Il-Kunsillier J. Azzopardi tenna li huwa għadu bl-istess ħsieb li l-ipparkjar għandu jkun ristrett fuq iż-żewġ naħat ta' Triq Ġorġ Borg Olivier.

10.11. Is-Sindku reġa ntervjena billi qal li l-bankini jitwessgħu kemm ikun possibbli u jvarjaw minn post għal'ieħor. Huwa għamilha ċara li l-posizzjoni tal-Arriva dejjem kienet li l-karozzi tal-linja jgħaddu minn wara l-knisja, għalkemm il-pożizzjoni tal-Kunsill xorta waħda għadha li l-rotot ewlenin għandhom jgħaddu minn Dawret il-Mellieħa, Triq Qasam Barrani u minn Triq Lewis Wettinger. Huwa tenna li s-sitwazzjoni titlob li tittieħed deċiżjoni responsabbli u kuraġġuża fl-interess komuni.

### 11.1. *Tournament* tas-*Snooker* u l-*American Pool* (S/4/2/Vol III)

11.2. Il-Kunsillier H. Fenech għarraf li l-finali tas-*Snooker* ser issir fis-27 ta' Mejju 2011 fiċ-Ċentru Laburista Mellieħa, filwaqt li dik tal-*American Pool* se tkun fis-Selmun Bar fl-20 ta' Mejju 2011.

11.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 12.1. Puġġaman fi Triq il-Mitħna l-Qadima (T/3/4)

12.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li saret talba verbali minn Joseph Cutajar sabiex isir puġġaman mat-turġien li hemm fi Triq il-Mitħna l-Qadima, bejn Triq Santa Marija u Triq il-Kbira. L-istess persuna għandu r-residenza tiegħu f'din il-parti tat-triq u qed jitlob li jerġa jsir` l-aċċess pedonali fil-parti tat-triq imsemmija.

12.3. Il-Kunsill iddeċieda li għandha tintalab stima mill-*Contracts Manager* sabiex jiġi determinat dwar jekk għandiex issir sejħa għall-offerti jew għal stimi.

### 13.1. *Floodlighting* ta' Bini fi Triq l-Erwieh u Triq l-Inkurunazzjoni (P/4/14)

13.2. Il-Kunsill kien mgħarraf li saru sitt offerti minn ħames kuntratturi differenti, skond skeda mehmuża ma' dawn il-minuti. Tressaq ukoll rapport tekniku minn Galea Curmi Engineering Consultants dwar is-sottomissjonijiet li saru mill-offerenti: C. Fino & Sons Ltd,

Mica-Med Ltd; Calleja Ltd; Elektra Ltd; u Electrical Supplies & Services Ltd. Kopja tal-iskeda tal-offerti, kif ukoll ir-rapport tal-konsulenti qegħdin jiġu mehmuża ma' dawn il-minuti.

13.3. Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill għandu jipproċedi bl-evalwazzjoni tal-offerti taħt id-direzzjoni teknika tal-konsulenti u għalhekk ma nħassitx il-ħtieġa li jitlaqqa' it-*Tender Adjudication Board*.

13.4. Is-Sindku talab il-permess tal-Kunsill sabiex jissusspendi s-seduta bil-għan li l-Ing. Renzo Curmi jkun jista' jispjega l-kontenut tar-rapport tekniku li sar, liema rapport tqassam lill-membri kollha tal-Kunsill qabel is-seduta. Is-Sur R. Curmi qal li qabel beda jaħdem fuq id-dokument tal-offerta, huwa talab li jkollu f'idejħ *elevation survey* tal-ħitan li hemm fi Triq l-Inkurunazzjoni, Triq l-Erwieħ u l-bini tal-Knisja Parrokkjali u s-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa. Bil-għajnuna ta' dan is-*survey* huwa wasal biex għamel simulazzjoni tad-dwal bil-kompjuter, liema simulazzjoni ġiet ippreżentata lill-Kunsill fis-seduta numru 47 tat-12 ta' Jannar 2011. L-istima tal-*fittings* kollha li mhux ser jiġu pprovduti taħt il-kuntratt tad-dwal tat-toroq tammonta għal €39,000. Huwa fakkar li l-ispiża nvoluta fil-*fittings* u x-xogħol kollu meħtieġ fl-installazzjoni, huwa stmat li jlaħħaq €61,000.

13.5. L-Ing. Curmi aċċenna wkoll għad-dokumentazzjoni sottomessa mill-offerenti u kkummenta li C. Fino & Sons Ltd, ESS Ltd u Elektra Ltd m'għaddewx it-tagħrif tekniku dwar il-prodotti li kkwotaw. Irriżulta wkoll li l-iktar offerent li ssodisfa l-ispeċifikazzjonijiet mogħtija fid-dokument tal-offerta, inkluż fil-*polar diagrams*, kienu Mica-Med Ltd, li fil-fatt taw l-għola offerta li tammonta għal €40,749 bil-VAT inkluża. Dawn fil-fatt huma aktar effettivi, u f'każ li jiġu addottati l-*fittings* kkwotati minn C. Fino & Sons Ltd, ikun hemm ħtieġa li jiżdied in-numru ta' lampi u l-arbli. L-Ing. Curmi spjega li l-kwalita` tal-prodotti kkwotati minn Mica-Med Ltd tintlaħaq permezz tar-riflettur u l-ħġieġa ta' barra, li finalment jaffettwaw id-distribuzzjoni tad-dawl. Minkejja dan kollu hemm xi fatturi li għad iridu jiġu ċċarati minn dan l-offerent, liema fatturi ġew skedati sabiex jiġu mgħoddija lil Mica Med Ltd.

13.6. Wara li rtira l-Ing. Curmi, is-seduta tkompliet billi s-Segretarju għarraf li l-offerenti kollha għamla l-*bid bond* skond il-prezz ikkwotat minnhom.

13.7. Il-Kunsill iddeċieda li għandu jsir kuntatt mal-offerent Mica Med Ltd sabiex jiċċara l-punti speċifikati mill-Inginier Curmi.

## 14.1. PA 5985/09 – Kamra tan-nar f'Qasam Barrani (P/5/8/Q)

14.2. Is-Sindku rrefera għall-applikazzjoni li saret mill-Għaqda tan-Nar Marija Bambina li tinvolvi s-sanzjonar tal-manifattur tan-nar fi kmamar użati għax-xogħol tar-raba, u bini ta' karma skond l-i*standards* attwali bil-għan li l-prattika ta' din is-sengħa tiġi trasferita għall-bini ġdid propost. Is-Sur R. Cutajar ikkummenta li din it-talba hija pass fid-direzzjoni t-tajba sabiex id-delettanti tan-nar jipprattikaw id-delizzju tagħhom b'aktar sigurta` u b'mod regolari.

14.3. Il-Kunsill qabel mas-Sindku u ddeċieda li t-talba għandha tiġi appoġġjata fuq il-kriterji li ġejjin:

- L-art affettwata bl-iżvilupp propost ilha diversi snin degredata u kienet tintuża sabiex jintrema skart b'mod abbużiv;
- Ix-xogħol tal-logħob tan-nar isir b'mod regolat u hekk jispiċċaw allegazzjonijiet ta' manifattura klandestina;
- Is-sit jinsab 'il barra miż-żona tal-iżvilupp u jissodisfa l-limiti tad-distanzi minn toroq pubbliċi, stabbiliti fil-liġi;
- Iż-żona mhux waħda skedata mill-MEPA bħala waħda ta' importanza ekoloġika, xjentifika jew arkeoloġika; u
- Is-sit ma jinsabx f'żona li taffettwa l-veduta jew d-dehra tal-post, billi diversi bdiewa għollew il-livell tal-ħamrija fl-għelieqi tagħhom.

## 15.1. Ġbir ta' Skart Domestiku mill-inħawi tal-*Boathouses* (B/4/4/Vol II)

15.2. Il-Kunsillier J. Buttigieg irrefera għad-diskussjoni li kien hemm dwar dan is-suġġett u staqsa dwar żviluppi li jista' kien hemm. Huwa qal li kien hemm kumment dwar dan fl-aħħar ħarġa tal-fuljett li jiġi ppubblikat minn Armier Developments Ltd.

15.3. Is-Sindku qal li huwa ltaqa' ma' delegazzjoni minn Armier Developments Ltd u kien propost min-naħa tiegħu li għandhom jiġu pprovduti *skips* skond l-iskeda li tidher hawn taħt:

| **Xahar / Żona** | **Ramlet il-Qortin** | **Little Armier** | **Ramla tat-Torri l-Abjad** | **Għajnuna fi *skips* mogħtija mill-Kunsill għat tliet żoni** |
|---|---|---|---|---|
| Jannar | 2 | 1 | 1 | 4 |
| Frar | 2 | 1 | 1 | 4 |
| Marzu | 2 | 1 | 1 | 4 |
| April | 2 | 1 | 1 | 4 |
| Mejju | 2 | 1 | 1 | 4 |
| Ġunju | 4 | 1 | 3 | 8 |
| Lulju | 4 | 1 | 3 | 8 |
| Awwissu | 4 | 1 | 3 | 8 |
| Settembru | 4 | 1 | 3 | 8 |
| Ottubru | 2 | 1 | 1 | 4 |
| Novembru | 2 | 1 | 1 | 4 |
| Diċembru | 2 | 1 | 1 | 4 |

15.4. Is-Segretarju spjega li l-għajnuna proposta qed tiġi bbażata fuq 50% tal-i*skips* li ġabu Armier Developments matul is-sena 2010.

15.5. Il-Kunsill approva l-proposta mressqa mis-Segretarju, kif ukoll ġie diskussa ma' Armier Development Ltd.

16.1. ***Caravans* fl-inħawi tal-Qortin it-Twil fl-Armier** **(C/4/Vol III)**

16.2. Is-Sindku staqsa dwar jekk huwiex ser jinżamm l-arranġament li kien hemm fis-sentejn preċedenti f'dak li jirrigwarda t-tqegħid ta' *caravans* fl-inħawi tal-Qortin it-Twil fil-limiti tal-Armier.

16.3. Il-Kunsill qabel li jinżamm l-istess arranġament.

**AĠĠORNAMENT**

Is-seduta spiċċat fl-10.45pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 30 ta' Mejju 2011, fis-7.30pm.

Robert Cutajar
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**